# QROBNA

Nhar il-Ħamis li ġej se nibdew in-Novena tal-Milied. Il-Knisja tagħmel dawn il-mumenti ta' disat ijiem tħejjija, biex tgħinna nidħlu iktar b'qalbna u bl-imħabba tagħna f'dawn il-jiem ta' qabel il-Milied. Fin-novena se nittrattaw fuq Ġesù u l-wasla tiegħu fostna, li trid isseħħ ta' kull sena fil-qalb tagħna.



In-novena mhix għat-tfal biss. Il-lingwaġġ li jintuża jkun wieħed li jifhmuh it-tfal ukoll imma l-messaġġ huwa għal kulħadd. Għalhekk, inħeġġeġ lil kulħadd jieħu sehem fin-novena. Xi ħaġa li tgħinna ħafna hija li jkollna diżpożizzjoni tat-tfal biex nidħlu aktar fil-misteru tal-Inkarnazzjoni. L-Ingliżi jagħmlu differenza bejn "childish" u "childlike". Ma rridux inkunu minn tal-ewwel imma sewwa li ngħixu n-novena bi spirtu li jagħmilna *childlike*.

Fil-Milied tal-1902, meta l-futur Papa Ġwanni 23 kien għadu żagħżugħ, kiteb hekk: "Ġesù ejja f'qalbi għax għandi ħafna x'ngħidlek".

In-novena se tibda nhar il-Ħamis 15 ta' Diċembru u se tiġi ċċelebrata fil-5:00pm, barra l-Ħadd li nagħmluha fl-9:45am.*

*Il-Mulej ibierek lill-familji kollha tagħna.*

***L-Arċipriet***

*Nixtiequ navżaw lit-tfal (minn Kinder 1 sa Form 2) li ser jattendu, biex fl-ewwel jum jidħlu kollha mill-bibien tal-ġnub, fejn ser jirreġistraw u jingħataw numru li se jinżamm għal matul in-novena kollha biex ikunu jistgħu jipparteċipaw fir-rigali.

Matul in-novena kuljum ser ikun hemm l-opportunità li dawk it-tfal li ma ġewx fl-ewwel jum jirreġistraw.



## IS-SIĠRA TAL-KARITÀ

Bħal fis-snin l-imgħoddija, is-siġra tal-karità ser terġa' tiġi armata fil-knisja. Bħas-soltu, ser inkunu qed ngħinu diversi entitajiet li għandhom bżonn l-għajnuna tagħna. Inħeġġukom tipparteċipaw u ġġibu l-oġġetti li jkunu miktuba fuq il-karti tas-siġra.

## AVVIŻI:

**LAQGĦA TA' TALB FUQ L-ISPIRITWALITÀ TA' DUN MIKIEL ATTARD:** nhar l-Erbgħa 14 ta' Diċembru, fis-5:45pm fil-Knisja Bażilika. Fiha Mons. Joseph Bezzina ser ikellemna dwar l-esperjenza u l-konoxxenza tiegħu ma' Dun Mikiel Attard. Kulħadd huwa mistieden. Se tkun imxandra wkoll diretta fuq *Mnarjalive.* Għal dan ix-xahar biss din il-laqgħa ser issir fit-tieni ġimgħa tax-xahar minħabba li fit-tielet ġimgħa jkun hemm in-novena tal-Milied.

**IĊ-ĊENTRU TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ:** javża li bħalma għamel diġà fis-snin li għaddew se jżur lill-morda u l-anzjani fid-djar tagħhom, is-Sibt 17 ta' Diċembru bejn id-9:00am u l-11:30am.

**IKLA MILIED SOLIDALI:** Il-Kunsill Lokali, ma' Reġjun Għawdex, ser iqassmu ikla lil persuni anzjani li jgħixu waħidhom, dawk vulnerabbli jew morda, jew għaddejjin minn żmien diffiċli, bil-għan li nnaqqsu ftit mis-solitudni. Applikazzjonijiet mill-Kunsill Lokali sal-14 ta' Diċembru.

**L-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA** tavża li:

- nhar il-Ħamis 15 ta' Diċembru se mmorru l-Villa Rundle naraw it-tiżjin tal-Milied u wara nieħdu kafè flimkien. Niltaqgħu fid-9:30am ħdejn iċ-Ċentru. Ċemplu lil Tonina;
- ser torganizza ikla tal-Milied lill-anzjani. Din ser issir fit-22 ta' Diċembru. Dawk interessati jkellmu lil Antonia Sammut fuq 21553041 / 79923153. Niltaqgħu ħdejn iċ-Ċentru fil-11:30am.

**ŻJARAT BIL-MADONNA FID-DJAR:** minn Jannar il-membri tal-Leġjun ta' Marija ser ikomplu jżuru lill-familji bix-xbieha tal-Madonna. Hija xewqa wkoll li jmorru għand dawk il-morda li jixtiequ jżuruhom. Min jogħġbu jista' jinforma lil xi membru jew fl-Uffiċċju Parrokkjali.

**IL-LIBRERIJA TAN-NADUR** qiegħda tiftaħ it-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa mis-2:00pm sal-4:00pm. Nhar ta' Sibt tiftaħ mid-9:30am san-12:30pm. Bħalissa l-librerija tinsab f'Dar San Pietru u San Pawl, quddiem il-Maħraġ.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am